# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 403/2019 NC**

**Johann Stelingwerf**

**vs.**

**Denise Caruana**

Illum it-30 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent Johann Stelingwerf (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-25 ta' April 2019 li jgħid hekk:

> *"1) Illi l-proċedura odjerna ġiet introdotta ai termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Numru 44/2001;*
>
> *2) Illi permezz ta' sentenza datat t-13 ta' Marzu 2019, mogħti mill-Qorti Distrettwali ta' The Hague, l-intimata ġiet ordnata tħallas is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf flimkien ma' l-interessi*

*skond il-liġi b'effett mis-27 ta' Lulju 2018 sal-pagament effettiv; (Sentenza u traduzzjoni tagħha annessi u immarkata dok A;*

*3) Illi permezz ta' l-istess sentenza l-intimata ġiet ordnata tħallas ukoll is-somma ta' ħames mija u sitta u għoxrin euro u sebgħa u ħamsin Euro ċenteżmu (€562.57) spejjeż ġudizzjarji;*

*4) Illi hija ġiet ukoll ordnata tħallas is-somma ta' erbgħa mija u tmenin euro (€480) dritt ta' l-avukat u dan bla preġudizzju għal talba tal-ħlas ta' VAT u interessi relattivi;*

*5) Illi finalment hija ġiet ordnata tħallas is-somma ta' mija u għoxrin euro (€120) spejjeż ulterjuri u l-interessi fuq tali somma dekoribbli minn ħmistax-il ġurnata minn meta issir t-talba għal ħlas;*

*6) Illi l-intimata naqset li tottempra ruħha mal-istess obbligu indikatti fil-paragrafi preċedenti;*

*7) Illi qiegħdin jiġu anness iċ-ċertifikat rikjest mil-liġi flimkien mat-traduzzjoni tiegħu; (ċertifikat u traduzzjoni immarkati bħala dok Ċ);*

*8) Illi ai termini tal-Artiklu 41 tar-Regolament fuq riferit l-istess sentenza estera għandha tiġi dikjarata eżegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet elenkati fl-Artiklu 53;*

*9) Illi r-rikorrenti għandu interess jeżegwixxi u jenforza s-sentenza in diżamina f'Malta stante li jirriżulta li l-intimata għandha assi materjali f'Malta li jistgħu wkoll jissodisfaw il-kreditu tar-rikorrenti;*

*Għaldaqstant fiċ-ċirkoostanzi, r-rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' The Hague datata 13 ta' Marzu 2019 tiġi rikonoxxuta f'Malta;*

*2. li l-istess sentenza tiġi ukoll eżegwita f'Malta;*

*3. bl-ispejjeż kontra l-intimata*

*u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi."*

Rat ir-Risposta tal-intimata Denise Caruana (*a fol.* 35) ippreżentata fit-8 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 35) fejn jingħad hekk:

*"It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Fl-ewwel lok, id-domanda odjerna, in kwantu imsejsa fuq ir-regolament 44/2001 hija nulla 'l għaliex imsejsa fuq regolament illum mibdul bil-Regolament (UE) 1215/2012.*

*2. Fl-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Qorti Distrettwali ta' The Hague ma kellha ebda ġurisdizzjoni li tisma' u eventwalment li tiddeċiedi l-vertenza in kwistjoni u dan ai termini tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 1215/2012.*

*3. Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, is-sentenza li tagħha r-rikorrenti qiegħed jitlob ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ġewwa Malta ngħatat in dispett tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 1215/2012 u allura tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1393/2007; dan għaliex, inter alia, għad li r-rikorrenti kien ben konsapevoli tal-lok fejn setgħet tiġi notifikata l-istanti, huwa għażel li jiddikjara l-kuntrarju.*

*4. Fir-raba' lok, b'żieda mal-premess, l-esponenti tirrileva illi jeżistu r-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 1215/2012 sabiex din l-Onorabbli Qorti tiċħad ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza mertu tal-proċeduri odjerni.*

*5. Fil-ħames lok, l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 1215/2012 moqri fl-imkien mal-Artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu per neċessita' jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet rikorrenti in kwantu s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ġiet ottjenuta bil-qerq tal-istanti,*

> *u/jew fin-nuqqas tan-notifika tal-esponenti u/jew b'nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li pronunzjat l-istess sentenza.*
>
> *6. Salvi eċċezzjonijiet oħra, talvolta permessi mil-Liġi u jew mid-dritt Komunitarju."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Semgħet id-depożizzjonijiet tax-xhieda mindu l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u rat id-depożizzjonijiet l-oħra tax-xhieda (inkluż affidavits) li xehdu qabel il-kawża ġiet assenjata lilha.

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn ġiet miċħuda l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimata Caruana.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrent Johann Stelingwerf fl-14 ta' Lulju 2022 (*a fol.* 264 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimata Denise Caruana fil-5 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 270 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-9 tal-Lulju 2020, xehdet l-intimata **Denise Caruana** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn tgħid li ilha taf lir-rikorrent Stelingwerf mis-sena 2013 meta kienet toħroġ miegħu għal xi żmien. Tispjega li r-rikorrent kien sar abużiv tant li kienet irrapurtatu lill-Pulizija u hemm każ kriminali għaddej. Tixhed li r-rikorrent beda jhedded bil-kawżi ċivili sabiex twaqqaf il-każ kriminali u tgħid li din mhux l-ewwel kawża li nfetħet kontra tagħha fl-Olanda tant li kien fetħilha oħra fis-sena 2014 fejn talabha ħlas għal xi xogħol li jgħid li għamel. Tgħid li ffirmat skrittura u kollox beda minn hemm. Tixhed li l-ewwel kawża spiċċat billi ġie

deċiż li hija kellha tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) minħabba li keċċietu u tgħid li ħallset is-somma msemmija. Tispjega li l-karti dwar l-ewwel kawża rċeviethom kemm id-dar f'San Ġwann kif ukoll fil-ħanut fejn kienet taħdem f'San Ġiljan, liema ħanut għalqitu fis-sena 2016. Tispjega li l-indirizz residenzjali kien dejjem l-ieħor u minkejja li kien hemm xi drabi fejn kienet tgħix x'imkien ieħor, il-posta xorta kienet tirċeviha hemm. Tgħid li fl-indirizz l-ieħor joqgħodu l-ġenituri tagħha u li hija għandha relazzjoni tajba magħhom u meta tirċievi l-posta kienu jgħidulha biha. Dwar il-kawża odjerna, mistoqsija dwar id-dikjarazzjoni tar-rikorrent dwar id-domiċilju tagħha, tgħid li r-rikorrent kien jaf l-indirizz tagħha u f'dan ir-rigward tippreżenta s-segwenti li tgħid waslu għandha:

- Dok. "DC 1" (*a fol.* 65 *et seq.*): ittra datata 13 ta' Ottubru 2014 mibgħuta lilha mill-avukat tar-rikorrent;

- Dok. "DC 2" (*a fol.* 67 *et seq.*): ittra uffiċjali datata 20 ta' Awwissu 2013 indirizzata lilha u mibgħuta fl-indirizz tal-ħanut;

- Dok. "DC 3" (*a fol.* 80 *et seq.*): Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li tgħid wasal fl-indirizz f'San Ġwann;

- Dok. "DC 4" sa Dok. "DC 6" (*a fol.* 85 *et seq.*): ittri mibgħuta mill-avukati Olandiżi fejn qed jgħidu li hija għandha taghti xi flus lir-rikorrent;

- Dok. "DC 7" (*a fol.* 93 *et seq.*): ittra datata 6 ta' Novembru 2015 li rċevietha fl-indirizz tal-ħanut;

- Dok. "DC 8" (*a fol.* 115 *et seq.*): ittra uffiċjali datata 21 ta' Diċembru 2017 bil-firma falsifikata tagħha li ntbagħtet lilha u lil missierha fejn qed jingħad li hija għandha tagħti flus lir-rikorrent.

Teżebixxi wkoll Dok. "DC 9" (*a fol.* 117 *et seq.*) li huwa rapport li għamlet lill-Pulizija dwar il-falsifikazzjoni tal-firma tagħha. Tgħid

li hija kienet għamlet rapport mill-ewwel iżda l-Pulizija ma kienux mexxew fuqu u li wara talbuha tagħmel rapport ieħor u mbagħad mexxew fuqu. Tgħid li ilha ma jkollha kuntatt mar-rikorrent mis-sena 2013. Għad-domanda magħmula mill-Qorti diversament preseduta li la kienet ilha ta' lanqas sena u tliet xhur ma jkollha kuntatt mar-rikorrent kif tippretendi li huwa jaf jekk biddlitx l-indirizz, wieġbet li kieku biddlet l-indirizz kienet tibdlu fuq il-Karta tal-Identita' u tgħid li meta rċeviet xi ħaġa għand il-ġenituri tagħha, dejjem qalulha biha. Tikkonferma li ma' din il-kawża sar mandat fejn ġew imblukkati l-kontijiet bankarji tagħha u li hija saret taf bil-kawża tal-Olanda meta rċeviet il-kawża ta' Malta. Tikkonferma li l-ewwel kawża tal-Olanda kienet ġiet notifikata lilha kemm id-dar tal-ġenituri tagħha kif ukoll il-ħanut. Tgħid li hija qatt ma għexet l-Olanda u marret hemm mar-rikorrent fuq btala biss. Tgħid li qatt ma kellha xi forma ta' residenza l-Olanda.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-9 tal-Lulju 2020 (*a fol.* 63 *et seq.*), tgħid li hija toqgħod fl-indirizz tal-ġenituri tagħha u ċioé 30, Triq Bernardette, San Ġwann. Tikkonferma li qabel kienet toqgħod il-Marsa u tiċħad li qatt marret tgħix l-Ingilterra. Tgħid li bejn is-sena 2016 u s-sena 2018 hija marret tgħix l-Isvezja.

In <u>ri-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 123 *et seq.*), l-intimata Caruana tgħid li sar kuntatt ma' avukat fl-Olanda fejn talbitu jġibilha informazzjoni dwar il-kawża u rriżulta li jingħad li saret xi skrittura fejn ir-rikorrent Stelingwerf silifha erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000). Tgħid li hija qatt ma rat din l-iskrittura. Mistoqsija tgħid fejn kienet ir-residenza tagħha qabel il-kawża, tikkonferma li r-residenza tagħha kienet mal-ġenituri tagħha u li hemm ma rċeviet xejn. Tgħid li meta rat din l-iskrittura hija marret tagħmel rapport għand il-Pulizija, kopja ta' liema rapport ġie eżebiet u mmarkat bħala Dok. "DC 10" (*a fol.* 133 *et seq.*), u għamlet hekk peress li qatt ma kienet rat u qatt ma kienet iffirmat din l-iskrittura in kwistjoni. Eżebiet bħala Dok. "DC 11" (*fol.* 136 *et seq.*) kopja tal-kawża li kisbet b'inizzjattiva tagħha u mhux għax ġiet notifikat biha u tisħaq li l-firma li hemm ħdejn id-debitur ("Debtor") mhijiex tagħha.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 125 *et seq.*), tikkonferma li l-firma fuq l-iskrittura mhux tagħha u li l-firma l-oħra hija tar-rikorrent. Tikkonferma li saret taf bil-kawża meta rċeviet il-Mandat ta' Sekwestru u li sa issa ma pproċedietx l-Olanda sabiex tannulla s-sentenza. Tgħid li tinsab f'kuntatt ma' avukat Olandiż u li qed tistenna minn għandu.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 226 *et seq.*), l-intimata Caruana tispjega li hija kienet toqgħod mal-ġenituri tagħha f'San Ġwann, li wara marret toqgħod il-Marsa għal madwar sentejn/tlieta u li din ir-residenza ngħatat lilha b'donazzjoni mill-ġenituri tagħha, mill-Marsa marret toqgħod l-Isvezja bejn is-sena 2016 u s-sena 2018 u wara reġgħet marret toqgħod mal-ġenituri tagħha. Tgħid li r-residenza tal-Marsa ma baqgħetx tagħha. Tgħid ukoll lli hija qatt ma biddlet il-Karta tal-Identita' tagħha. Dwar l-ewwel kawża tispjega li kienet marret tagħmel rapport ta' frodi flimkien ma' rapport ta' stupru u li kienet ammettiet mill-ewwel li ffirmat l-iskrittura in kwistjoni. Tiċħad kategorikament li hija ffirmat skrittura oħra u tiċħad ukoll li l-firma fuq l-iskrittura eżebita fit-tieni kawża hija tagħha. Dwar l-iskrittura ma' Caprivi tgħid li l-firem huma tagħha. Tgħid li saret taf bit-tieni kawża meta sar il-Mandat ta' Sekwestru u tispjega li skont it-taħrika hemm miktub li l-avukat tar-rikorrent ma sabx indirizz tagħha u dana meta xahar qabel kienu nnotifikawha bis-sekwestru. Tgħid li dwar din il-kawża għamlet rapport għand il-Pulizija u qalulha li trid titmexxa minn Malta. Tgħid li din hija theddida sabiex twaqqaf il-kawża kriminali kontra r-rikorrent.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 247 *et seq.*), l-intimata Caruana tikkonferma li ma ħadet l-ebda proċedura fl-Olanda sabiex tikkontesta s-sentenza in kwistjoni. Tgħid li saret taf b'din il-kawża meta rċeviet il-mandat. Dwar id-dikjarazzjoni tad-dejn, tiċħad li l-firma fuqha hija tagħha. Tiċħad ukoll li kienet qablet mar-rikorrent li jagħmel ix-xogħol hemm imsemmi. Rigward ir-*roadtrip*, tgħid li kien issemma xi ħaġa imma ma kien sar xejn. Tiċħad li r-rikorrent għaddielha xi *t-shirts* u għal ewwel tiċħad ukoll li kien għaddielha xi *flyers* iżda wara tikkonferma li għaddielha xi ftit.

In ri-eżami, li sar fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 258 *et seq.*), l-intimata Caruana tgħid li saret taf bil-kunjom proprju tar-rikorrent meta ġie arrestat l-ajruport. Tgħid li r-rikorrent kien jgħid li kien jaħdem għal kumpannija Caprivi u tispjega li kien fuq insistenza tiegħu li hija ffirmat skrittura ma' din il-kumpannija li wara sar jisimha mod ieħor u li b'xi mod sparixxiet. Tikkonferma li din il-kumpanija kienet fetħitilha kawża fl-Olanda u li kienet ġiet notifikata fl-indirizz tal-ġenituri tagħha. Tgħid li l-kawża spiċċat billi kellha tħallas is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) minn somma ferm akbar. Tgħid li l-kawża odjerna saret wara l-kawża l-oħra. Tikkonferma li l-avukat tar-rikorrent kien l-istess fiż-żewġ kawżi fl-Olanda. Tikkonferma wkoll li l-indirizz tagħha ma nbidilx u li meta l-avukat tar-rikorrent bagħat xi korrispondenza hija dejjem wieġbet anke meta kienet tgħix barra minn Malta.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020, xehed **Savio Borg** (in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali – *a fol.* 122) fejn jgħid li l-intimata Caruana ġiet reġistrata l-ewwel darba fir-Reġistru Elettorali f'Ottubru 2005 fl-indirizz 30, Triq Bernardette, San Ġwann u li baqgħet fuq dak l-indirizz sa l-aħħar Reġistru Elettorali li ħareġ u ċioé jumejn qabel xehed. Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "SB 1" (*a fol.* 128 *et seq.*). Eżebixxa l-*file* tal-intimata bħala votant, li ġie immarkat bħala Dok "SB 2" (*a fol.* 131 *et seq.*), u jgħid li dan il-*file* baqa' vojt fil-każ tagħha.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' l-**Avukat Frank Johan Heideman** (*a fol.* 162 *et seq.*) fejn jgħid li huwa kien l-avukat tal-intimata f'kawża fl-Olanda, liema kawża jgħid kienet infetħet kontra tagħha, u jgħid ukoll li huwa kien iddefenda lill-intimata wkoll waqt l-appell. Jispjega li l-proċeduri kienu inbdew minn Leticia Nunes Navarro fuq il-bażi ta' talba li hija kienet ħadet minn għand Jenifer Del Molino Palma li kienet fin-negozju bl-isem Caprivi. Jgħid li l-kawża kienet ibbażata fuq allegati servizzi li ngħataw a bażi ta' skrittura li l-intimata kienet iffirmat fuq talba tar-rikorrent. Jgħid li fis-sena 2013 il-partijiet kellhom relazzjoni ta' ħbiberija u li r-rikorrent ikkonvinċa lill-intimata tiffirma skrittura ta' servizzi ta' *marketing* għal negozju ta' *beauty salon* liema servizzi qatt ma ngħataw u jgħid ukoll li l-intimata kienet ħallset għat-titjiriet. Jispjega li eventwalment

seħħew avvenimenti li wasslu għal proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u li kien biss minħabba dawn il-proċeduri kriminali li l-intimata saret taf b'isem propju tar-rikorrent minħabba li kien qed juża isem ieħor. Jgħid li l-każ ma kienx wieħed ġust minħabba li l-intimata ma kinitx taf x'kienet qed tiffirma u li hija ffirmat ukoll sunt ta' sigħat li nħadmu mingħajr ma kienet taf x'qed tiffirma. Jgħid li d-difiża li tressqet ma ġietx aċċettata mill-Qrati Olandiżi. Jispjega li fis-26 ta' Awwissu 2020 ġie kkuntattjat mill-avukat tal-intimata fejn ġie nfurmat li r-rikorrent kien beda proċeduri f'ismu fl-Olanda u jgħid li ntalab jekk jistax ikun ta' assistenza sabiex jinkisbu l-atti tal-kawża in kwistjoni. Jispjega wkoll li nnota li l-avukat kien l-istess tad-darba ta' qabel u li għalhekk kien sorpriż li ma sabux id-domiċilju tal-intimata minkejja li sentejn u nofs qabel kellhom il-kawża kontra l-intimata. Jgħid li seta' jsir kuntatt miegħu sabiex jaraw jekk għadx għandu kuntatt mal-intimata bħala l-klijenta tiegħu. Jgħid li dan l-aġir imur kontra r-*Rules of Conduct* fl-Olanda fejn avukat ma jistax imexxi direttament kontra persuna meta jaf li hija rappreżentata minn avukat ieħor. Jispjega li għamel kuntatt ma' l-avukat Olandiż tar-rikorrent fejn talbu kopja tad-dokumenti li ġew ippreżentati u li dan għall-ewwel irrifjuta iżda wara aċċetta. Jgħid x'irriżulta mill-atti u jgħid li jidher li ma sar l-ebda tentattiv sabiex jinsab indirizz tal-intimata barra mill-Olanda. Jgħid li l-iskrittura ġġib id-data tal-20 ta' April 2013 u li huwa ffirmat bl-isem Mr. Stellingwerf meta f'dak iż-żmien r-rikorrent kien juża l-isem Johan-Frederick Dewitt. Jgħid li l-firma li allegatament hija tal-intimata fuq l-iskrittura tidher ferm differenti mill-firma tagħha fuq l-iskrittura ma' Nunes Navarro.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 243 *et seq.*), jispjega li fl-Olanda hemm il-possibilita' li jiġi ppreżentat tip ta' appell imma hemm biss żmien qasir sabiex dan jiġi ppreżentat. Jgħid li t-terminu jiddependi fuq it-tip ta' proċedura imma jgħid li huwa tal-fehma li t-terminu huwa ferm inqas minn tliet xhur imsemmi mill-avukat waqt id-domandi magħmula lilu.

In <u>ri-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 245 *et seq.*), mistoqsi jgħid meta ġie kkuntattjat mill-intimata jispjega li huwa kellem lill-avukat tar-rikorrent f'Awwissu 2020.

Illi fil-11 ta' Frar 2021 ġie ppreżentat affidavit ta' **Dr. Alberta Borg** (*a fol.* 207) fejn qalet li ġiet inkarigata mill-avukat tal-intimata Caruana sabiex tħejji rapport dwar l-awtentiċita' jew le tal-firma tal-intimata fuq dokument partikolari. Mal-affidavit tagħha eżebiet ir-rapport tagħha (*a fol.* 208 *et seq.*) fejn ġie konkluż hekk:

> *"It can be concluded that there are significant differences between the alleged 2 signatures of Denise Caruana on the contested document 'Acknowledgement of Debt' dated April 2013 and the uncontested signatures (of 2014 and 2020). These differences cannot be attributed to the passage of time or to the expected, slight variations which are natural in everyone's signature."*

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 254 *et seq.*), tispjega fiex inhi gradwata u fiex għandha Masters. Tikkonferma li l-kopji li rċeviet sabiex tħejji r-rapport tagħha kienu fotokopji u li minkejja dan xorta setgħet tagħmel ċertu analiżi fejn jidħol il-miżuri ta' ċertu angolaturi. Tgħid ukoll li kien hemm ċertu *limitations*. Tikkonferma li mad-dokumenti għaddewlha dokumenti bil-firma tal-intimata bħal Karta tal-Identita'. Tgħid li ġiet mgħoddija lilha wkoll l-iskrittura 'Acknowledgement of Debt' tal-20 ta' April 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent hekk kif kontenuti fir-Rikors tiegħu u tal-eċċezzjonijiet tal-intimata hekk kif imressqa fir-Risposta tagħha, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Din hija kawża sabiex sentenza mogħtija mill-Qorti Distrettwali ta' The Hague fit-13 ta' Marzu 2019 tiġi rikonoxxuta u eżegwita f'Malta u dan *ai termini* ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 Dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni Ta' Sentenzi Fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali.

- Fis-sentenza (Dok. "A" – *a fol.* 3 *et seq.*) mogħtija mill-Qorti Distrettwali ta' The Hague fit-13 ta' Marzu 2019 jingħad, fost l-oħrajn, hekk:

  - fis-27 ta' Lulju 2018 ir-rikorrent ħarrek lill-intimata sabiex fis-6 ta' Novembru 2018 tidher f'kawża fis-*Subdistrict Court* ta' Rotterdam;

  - fl-20 ta' Novembru 2018 is-*Subdistrict Court* ta' Rotterdam iddikjarat li kienet inkompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża u b'hekk bagħtet il-kawża fid-*District Court* ta' The Hague;

  - fit-23 ta' Novembru 2018 ir-rikorrent ħarrek lill-intimata sabiex tattendi l-Qorti fis-6 ta' Marzu 2019 fl-10.00am;

  - fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019 hawn fuq imsemmija jingħad ukoll hekk: *"The claim does not appear to be unjustified or unfounded to the subdistrict court, so that it may be allowed in default of appearance. The defendant, as the unsuccessful party, will be ordered to pay the costs of the proceedings"* (Dok. "A" – *a fol.* 3).

- It-talbiet tar-rikorrent quddiem il-Qorti Olandiża kienu bbażati fuq skrittura (Dok. "DC 11" – *a fol.* 136 *et seq.*) fejn allegatament fl-20 ta' April 2013 l-intimata aċċettat li tħallas lir-rikorrent sal-20 ta' April 2014 is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000).

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent u tal-eċċezzjonijiet mressqa għalihom mill-intimata, b'dana illi l-Qorti tinnota li l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimata diġa' ġiet deċiża b'sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 38 *et seq.*).

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Rikonoxximent u Eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Distrettwali ta' The Hague fit-13 ta' Marzu 2019):</u>**

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimata Caruana diġa' ġiet deċiża, f'dan l-istadju l-Qorti ser tistħarreġ l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrent flimkien minħabba li l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimata li għadhom ma ġewx deċiżi japplikaw għaż-żewġ talbiet b'dan illi l-Qorti ser tibda l-istħarriġ tagħha bit-tieni (2) u bit-tielet (3) eċċezzjoni hekk kif imressqa mill-intimata.

It-Tieni (2) Eċċezzjoni
(Il-Qorti Distrettwali ta' The Hague ma kellha ebda ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi l-vertenza u dan *ai termini* ta' Artikolu 28 ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012).

It-Tielet (3) Eċċezzjoni
(Is-sentenza li tagħha r-rikorrent qiegħed jitlob ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'Malta ngħatat in dispett ta' Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012 u allura ta' Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Numru 1393/2007; dan għaliex, *inter alia*, għad li r-rikorrent kien ben konsapevoli tal-lok fejn setgħet tiġi notifikata l-intimata, huwa għażel li jiddikjara l-kuntrarju).

Illi permezz tat-tieni (2) u tat-tielet (3) eċċezzjoni l-intimata qed tattakka l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Distrettwali ta' The Hague minħabba li fil-fehma tagħha l-Qorti in kwistjoni kellha *ai termini* ta' Artikolu 19 ta' Regolament (UE) Numru 1393/2007 tara li n-notifika issir permezz tal-proċedura msemmija fir-Regolament imsemmi u li dan ma seħħx minħabba li r-rikorrent iddikjara quddiem dik il-Qorti li l-intimata ma kellha l-ebda indirizz magħruf fl-Olanda jew f'pajjiż ieħor.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument appena msemmi mhux ta' fejda għall-intimata minħabba li l-istess Regolament imsemmi jippreskrivi x'inhuwa r-rimedju li huwa mogħti lilha f'ċirkostanzi bħal dawk li qed tiffaċċja hija. B'mod partikolari Artikolu 19(4) ta' Regolament (UE) Numru 1393/2007 jippreskrivi s-segwenti:

"Meta ċitazzjoni jew dokument ekwivalenti kellhom ikunu trasmessi lil Stat Membru ieħor bil-għan ta' notifika skond

id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u sentenza tkun inqatgħet kontra konvenut li ma jkunx deher għall-proċedimenti, l-imħallef għandu jkollu s-setgħa li jeħles lill-konvenut mill-effetti ta' l-għeluq taż-żmien għall-appell mis-sentenza jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-konvenut, mingħajr ma jkollu ħtija, ma jkunx jaf bid-dokument fi żmien biżżejjed biex jiddefendi ruħu, jew ma jkunx jaf bis-sentenza fi żmien biżżejjed biex jappella; u

(b) il-konvenut juri li għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressaq kontra l-meritu ta' l-azzjoni.

It-talba għall-ħelsien mill-effetti ta' l-għeluq taż-żmien għall-appell tista' titressaq fi żmien raġonevoli wara li l-konvenut ikun sar jaf bis-sentenza.

Kull Stat Membru jista' jikkomunika, skond l-Artikolu 23(1), li din it-talba ma tistax tkun ikkunsidrata jekk titressaq wara li jagħlaq żmien li għandu jiġi stipulat minnu f'dik il-komunikazzjoni, imma li fl-ebda każ m'għandu jkun anqas minn sena wara d-data tas-sentenza."

Illi l-fatt li l-intimata għażlet li ma tagħmilx użu mir-rimedju in kwistjoni kien għażla tagħha u hija trid iġġorr il-piż ta' din id-deċiżjoni.

Illi Artikolu 45 ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 jippreskrivi meta l-Qorti tista' tiċħad ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija minn Qorti barranija b'dan illi din il-Qorti tinnota li l-eċċezzjonijiet li qed jiġu mistħarrġa ma jaqawx taħt iċ-ċirkostanzi preskritti fl-imsemmi Artikolu.

Illi, b'mod aktar wiesgħa, il-Qorti tinnota li l-aħħar frażi fl-iskrittura (Dok. "DC 11" – *a fol.* 136 *et seq.*) li qed tiġi kkontestata mill-intimata jingħad hekk: *"The competent court in Rotterdam shall have exclusive jurisdiction regarding disputes relating or forthcoming*

*from this acknowledgement of debt"* (*a fol.* 138). Dan ifisser li l-Qorti kompetenti f'Rotterdam kellha ġurisdizzjoni esklussiva fuq disputi li jirriżultaw mill-istess skrittura. Mis-sentenza (Dok. "A" – *a fol.* 3 *et seq.*) in kwistjoni jirriżulta li l-każ kien ġie riferut lill-Qorti ta' The Hague mill-istess Qorti ta' Rotterdam. B'hekk hija l-fehma tal-Qorti li l-Qorti Olandiża kienet qed teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha *ai termini* ta' Artikolu 25 ta' Regolament (UE) 1215/2012.

Illi in vista ta' dan kollu t-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjoni tal-intimata ser jiġu miċħuda.

Ir-Raba' (4) Eċċezzjoni
(Jeżistu r-raġunijiet kontemplati f'Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012 sabiex il-Qorti tiċħad ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza).

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (*a fol.* 270 *et seq.*) l-intimata tirreferi għal Artikolu 45(1)(b) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 li jgħid hekk:

> "Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:
>
> [...]
>
> (b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibbli għalih li jagħmel hekk;
>
> [...]."

Illi l-kliem ta' dan is-sub-artikolu huwa ċar fis-sens illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiċħad ir-rikonoxximent tas-sentenza in kwistjoni l-intimata kellha ssir taf bil-proċedura fi żmien meta hija ma setgħetx tħejji d-difiża tagħha. B'dan illi din l-eċċezzjoni ma tapplikax fejn l-

intimata tkun naqset milli tikkontesta s-sentenza meta kien possibbli għaliha li tagħmel hekk.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-intimata ma ressqet l-ebda kontestazzjoni għas-sentenza li r-rikorrent qed jitlob ir-rikonoxximent tagħha. Sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha, l-intimata tgħid li hija saret taf biss bil-kawża in kwistjoni meta ġie milqugħ il-Mandat ta' Sekwestru u ċioé ftit xhur wara s-sentenza. F'dan ir-rigward l-intimata tirreferi għad-depożizzjoni mogħtija mill-Avukat Frank Johan Heideman fejn skont hija huwa jgħid li dan kien ferm wara kull terminu sabiex hija tkun tista' tappella.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament minħabba dak li jipprovdi Artikolu 19(4) ta' Regolament (UE) Numru 1393/2007 li ġie kkwotat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, liema Artikolu jipprovdi għal ħelsien mill-effetti ta' l-għeluq taż-żmien għall-appell. Konsegwentement dan l-argument tal-intimata mhuwiex ta' fejda u għaldaqstant ser jiġi miċħud minħabba li l-intimata naqset milli tikkontesta s-sentenza meta kien għadu possibbli għaliha tagħmel hekk.

Il-Ħames (5) Eċċezzjoni
(Artikolu 41(2) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 moqri flimkien ma' Artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorrent in kwantu s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ġiet ottenuta b'qerq u/jew fin-nuqqas ta' notifika tal-intimata u/jew b'nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li pronunzjat l-istess sentenza).

Illi l-intimata tisħaq illi b'applikazzjoni ta' Artikolu 41(2) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 ir-regolamenti nazzjonali għandhom japplikaw sa fejn dawn ma jkunux inkompatibbli ma' dak li jistabbilixxi Artikolu 45 ta' l-istess Regolament. F'dan ir-rigward l-intimata tirreferi għal Artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari għas-sub-artikolu (1)(a) tal-istess Artikolu fejn issir referenza għal fatt li sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet

imsemmija f'Artikolu 811(a), (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> (a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;
>
> (b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;
>
> [...]
>
> (d) jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija minn qorti nkompetenti minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni kif imsemmi fl-artikolu 741(a), basta li qabel ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni tal-inkompetenza".

Illi Artikolu 41(2) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 jgħid hekk:

> "Minkejja l-paragrafu 1, ir-raġunijiet għar-rifjut jew għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat għandhom japplikaw sakemm ma jkunux inkompatibbli mar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li jgħid Artikolu 41(2) hawn fuq ikkwotat l-ewwel ħaġa li trid tagħmel il-Qorti huwa li tara jekk dawn id-disposti humiex inkompatibbli ma' dak li jipprovdi Artikolu 45 ta' l-istess Regolament.

Illi Regolament 45(1)(a) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 jgħid hekk:

> "jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat."

Illi l-Qorti tiċċara li f'dan il-każ l-Istat Membru indirizzat huwa Malta. Fil-qafas ġuridiku Malti ġie kostantement ikkunsidrat li regolamenti ta' proċedura huma regolamenti ta' ordni pubbliku u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fis-16 ta' Lulju 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 452/2019 fl-ismijiet Vincenzo di Nunzio vs. Interactive Services Limited** (Numru 555/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Hija ġurisprudenza kostanti illi l-liġijiet ta' proċedura huma ligijiet ta' ordni pubbliku illi għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta għaliex fuqhom tiddependi ħafna drabi s-solidita' ta' sistema ġuridiku. In-nuqqas ta' tħaris tal-ligijiet ta' proċedura jwassal ħafna drabi, bħal fil-każ in eżami, għall-irritwalita' u nullita' tal-proċeduri. Dawn huma regoli ta' proċedura li l-Qorti fl-Istat Membru Indirizzat hija marbuta li tadotta u timplimenta u mhux mogħti lilha d-diskrezzjoni li twarrab l-implimentazzjoni tagħhom."

Illi għalhekk jidher li *prima facie* Artikolu 827(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex inkompatibbli ma' dak li jipprovdi Artikolu 45(1)(a) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012. Għalhekk issa jmiss li l-Qorti tistħarreġ sa fejn tista' tasal minħabba li l-proċedura in kwistjoni hija proċedura msejsa fuq Regolament Ewropew li għandu l-għan li jara li sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor jiġu rikonoxxuti Malta mingħajr wisq xkiel. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tirreferi għal żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u minkejja li dawn jirreferu għal Regolament (UE) Numru 44/2001 u mhux għal Regolament (UE) Numru 1215/2012, fis-sustanza l-punti li qed tirreferi għalihom il-Qorti huma identiċi fiż-żewġ Regolamenti msemmija.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2014 fil-kawża fl-ismijiet **flyLAL-Lithuanian Airlines AS vs. Starptautiskā lidosta Rīga VAS, Air Baltic Corporation AS** (Kawża C-302/13) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ordni pubbliku sabiex ma tiġix rikonoxxuta sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea spjegat is-segwenti:

> "49. Għandu jsir użu mill-klawżola ta' ordni pubbliku, prevista fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001 biss fil-każ li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor ivarjaw mill-ordinament ġuridiku tal-Istat fejn issir it-talba b'mod inaċċettabbli, peress li jippreġudikaw prinċipju fundamentali. Sabiex tiġi osservata l-projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-mertu ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, il-preġudizzju għandu jikkostitwixxi ksur manifest ta' dispożizzjoni legali kkunsidrata li hija essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat fejn issir it-talba jew ta' dritt rikonoxxut li huwa fundamentali f'dan l-ordinament ġuridiku (ara s-sentenza Apostolides, EU:C:2009:271, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata."

Illi dwar l-istess tema u ċioé dwar il-kunċett ta' ordni pubbliku, fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Lulju 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Diageo Brands BV vs. Simiramida-04 EOOD** (Kawża C-681/13), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet is-segwenti:

> "41. F'din is-sistema, l-Artikolu 34 tar-Regolament Nru° 44/2001, li jistabbilixxi l-motivi li minħabba fihom jiġi oppost ir-rikonoxximent ta' sentenza, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv sa fejn jikkostitwixxi ostakolu għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-imsemmi regolament. Iktar preċiżament fir-rigward tal-użu tal-klawżola ta' ordni pubbliku, li tinsab fl-Artikolu 34(1) ta' dan ir-regolament, dan għandu jsir biss f'każijiet eċċezzjonali (ara s-sentenza Apostolides, C-420/07, EU:C:2009:271, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42. Konformement għall-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm, bħala regola, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw, skont ir-riserva fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, konformement mal-perċezzjonijiet nazzjonali tagħhom, ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku tagħhom, il-limiti ta' dan il-kunċett jaqgħu fl-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, filwaqt li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddefinixxi l-kontenut tal-ordni pubbliku ta' Stat Membru, madankollu hija għandha tistħarreġ il-limiti li fil-kuntest tagħhom il-qorti ta' Stat Membru jista' jkollha rikors għal dan il-kunċett sabiex ma tirrikonoxxix sentenza mogħtija minn Stat Membru ieħor (ara s-sentenza flyLAL-Lithuanian Airlines, C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, billi jipprojbixxu l-istħarriġ tal-mertu ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 44/2001 jipprojbixxu lill-Qorti tal-Istat fejn tintalab ir-rikonoxximent ta' sentenza milli tirrifjuta li tirrikonoxxi din is-sentenza unikament minħabba li tkun teżisti differenza bejn ir-regola tad-dritt applikata mill-qorti tal-Istat ta' oriġini u dik li kienet tapplika l-qorti tal-Istat fejn tintalab ir-rikonoxximent ta' sentenza kieku ġiet adita bil-kawża. Bl-istess mod, il-qorti tal-Istat fejn tintalab ir-rikonoxximent ta' sentenza ma tistax tistħarreġ l-eżattezza tal-evalwazzjonijiet ta' liġi u ta' fatt li jkunu saru mill-qorti tal-Istat ta' oriġini (ara s-sentenza flyLAL-Lithuanian Airlines, C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44. Għandu jsir użu mill-klawżola tal-ordni pubbliku, prevista fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 44/2001, fil-każ biss li r-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor tolqot is-sistema legali tal-Istat fejn jintalab ir-rikonoxximent ta' sentenza b'mod inaċċettabbli, peress li jippreġudika prinċipju fundamentali. Sabiex tiġi osservata l-projbizzjoni tar-reviżjoni fuq il-mertu ta' sentenza

mogħtija fi Stat Membru ieħor, il-preġudizzju għandu jikkostitwixxi ksur manifest ta' dispożizzjoni legali kkunsidrata li hija essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat fejn issir it-talba jew ta' dritt rikonoxxut li huwa fundamentali f'dan l-ordinament ġuridiku (ara s-sentenza flyLAL-Lithuanian Airlines, C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata)."

Illi għalhekk fl-istħarriġ tagħha din il-Qorti ma tistax tidħol fil-korrettezza o meno tal-valutazzjonijiet li għamlet il-Qorti Olandiża fil-mertu u għalhekk il-Qorti mhux ser tidħol fil-kwistjoni tal-falsifikazzjoni tal-firma tal-intimata għax din hija kwistjoni ta' mertu jekk l-ammont rikjest ikunx dovut.

Illi stabbilit dan il-Qorti ser tkompli l-istħarriġ tagħha dwar l-applikabilita' ta' Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi tibda bl-evalwazzjoni ta' Artikolu 811(a) li jirrigwarda jekk is-sentenza tkunx ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra.

Illi wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni sew tal-atti proċesswali jirrizultalha li huwa evidenti li r-rikorrent kien jaf x'kien l-indirizz tal-intimata. F'dan ir-rigward huwa biżżejjed wieħed jikkunsidra li l-ittra uffiċjali li ġiet immarkata bħala Dok. "DC 8" (*a fol.* 115 *et seq.*) ġiet mibgħuta mir-rikorrent lill-intimata fil-21 ta' Diċembru 2017 waqt li l-proċeduri fl-Olanda nfetħu ftit wara u dan apparti l-fatt li tul is-snin ir-rikorrent kien jibgħat korrispondenza lill-intimata f'Malta li hija kienet tirċievi.

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- l-intimata tixhed, fost l-oħrajn, li l-indirizz tagħha ma nbidilx u li meta l-avukat tar-rikorrent bagħat xi korrispondenza hija dejjem wieġbet anke meta kienet tgħix barra minn Malta;

- fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 xehed Savio Borg (in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali – *a fol.* 123 *et seq.*)

fejn qal li l-ewwel darba li l-intimata Caruana ġiet reġistrata fir-Reġistru Elettorali kien f'Ottubru 2005 u li l-indirizz tagħha dakinhar kien 30, Triq Bernardette, San Ġwann u li hija baqgħet fuq dak l-indirizz sa l-aħħar Reġistru Elettorali li ħareġ jumejn qabel xehed;

- fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 ġie vverbalizzat is-segwenti: *"Il-partijiet jaqblu li l-ġenituri tal-intimata, u ċioé Charles u Alexandra konjuġi Caruana, jirrisjedu u minn dejjem kienu jirrisjedu fil-fond 30, Triq Bernardette, San Ġwann"* (*a fol.* 53).

Illi għalhekk jidher biċ-ċar fil-fehma tal-Qorti li meta r-rikorrent iddikjara li ma kienx jaf bl-indirizz tal-intimata huwa kien qed iqarraq bil-Qorti Olandiża bl-intenzjoni li jikseb vantaġġ illeċitu kontra l-intimata.

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li skont prinċipju importanti fis-sistema ġuridiku tagħna, u ċioé *fraus omnia corrumpit*, ħadd ma jista' jitħalla milli jgawdi l-frott tal-qerq tiegħu. Dan huwa aktar gravi f'dan il-każ meta wieħed iqis li r-rikorrent ma kienx leali lejn il-Qorti Olandiża u konsegwentement kien skorrett f'dak li qal. Dwar dan, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Malta Development Corporation vs. Zet Limited** (Numru 213/1997) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "Illi minn naħa l-oħra fl-għar ipotesi setgħa kien hemm ***mala fede*** minn min kellu interess li tali żball jibqa' jippersisti sabiex jagħmel kapital minnu, u anke f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li sostniet il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Edward Enriquez et vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et nomine**" (GCD 12-10- 1995):- ***"Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorrett li juri 'mala fides' ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-'mala fides' tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunita' mill-prinċipju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtrallizat l-effett tal-'mala fides' huwa meħtieġ li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita' separata***

> ***ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tieħu dan il-pass"".***

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dana illi l-Qorti ser tilqa' l-ħames (5) eċċezzjoni tal-intimata minħabba li l-qerq li bih ittieħdet is-sentenza in kwistjoni fl-Olanda tinkwadra bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku u għalhekk l-applikazzjoni ta' Artikoli 811(a) u 827 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma konformi ma' Artikolu 45(1)(a) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012 bil-konsegwenza li l-Qorti għandha l-jedd li tiċħad ir-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija fl-Olanda u d-dritt li tiġi rikonoxxuta. In vista ta' dan, il-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrent.

Illi b'konsegwenza ta' dak li ngħad hawn fuq il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar l-applikabilita' ta' Artikolu 811(b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Spejjeż)</u>:**
Illi l-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar din it-talba għajr li minħabba li l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrent ser jiġu miċħuda u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-imsemmija talbiet tar-rikorrent isegwi li t-tielet (3) talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tinnota li b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 38 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimata Denise Caruana,

taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjoni tal-intimata;

2. Tilqa' il-ħames (5) eċċezzjoni tal-intimata sa fejn japplika Artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-bqija tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha sa fejn japplika Artikolu 811(b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiċħad l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talba tar-rikorrent.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura (eskluż dik li diġa' kien hemm deċiżjoni dwarha fit-30 ta' Jannar 2020) għandhom jitħallsu mir-rikorrent Johann Stelingwerf.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**